EUROPEAN PARLIAMENT

DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-POLITIKI INTERNI

DIPARTIMENT TEMATIKU B: POLITIKI STRUTTURALI U TA' KOEŻJONI

IT-TRASPORT U T-TURIŻMU

# IT-TRASPORT TAL-MERKANZIJA BIT-TRIQ: IR-RAĠUNIJIET GĦALFEJN L-ISPEDITURI TAL-UE JIPPREFERU JUŻAW IT-TRAKK MIT-TREN

## SOMMARJU EŻEKUTTIV


**Astratt**

Din hija valutazzjoni tal-fatturi li jinfluwenzaw l-għażla tal-mezz ta' trasport tal-ispedituri fl-UE, b'enfasi fuq ir-raġunijiet li għalihom jippreferu t-trasport bit-triq mit-trasport bil-ferrovija. Abbażi tal-analiżi tat-tendenzi tat-trasport tal-merkanzija, għadd ta' studji tal-każijiet nazzjonali (il-Ġermanja, il-Polonja, Franza, l-Italja u Spanja) kif ukoll intervisti ma' atturi tal-industrija, l-istudju jeżamina l-fatturi sottostanti ewlenin li jinfluwenzaw l-għażla tal-mezz tat-trasport tal-merkanzija. Ill-kapitolu konklużiv jipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar l-elementi ewlenin ta' strateġija effikaċi biex jiġi inċentivat l-użu tal-ferrovija abbażi tat-tagħlimiet li nkisbu minn esperjenzi ta' politiki preċedenti.



IP/B/TRAN/FWC/2010-006/LOT1/C1/SC10 2015

PE 540.338 MT

Dan id-dokument intalab mill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu tal-Parlament Ewropew.

## AWTURI

*Steer Davies Gleave* - Francesco Dionori, Lorenzo Casullo, Simon Ellis, Davide Ranghetti, Konrad Bablinski, Christoph Vollath, Carl Soutra

## AMMINISTRATUR RESPONSABBLI

Marc Thomas
Dipartiment Tematiku għall-Politiki Strutturali u ta' Koeżjoni
Parlament Ewropew
B-1047 Brussell
E-mail: poldep-cohesion@europarl.europa.eu

## ASSISTENZA EDITORJALI

Adrienn Borka

## VERŻJONIJIET LINGWISTIĊI

Oriġinali: EN.

## DWAR IL-PUBBLIKATUR

Biex tikkuntattja lid-Dipartiment Tematiku B jew biex tabbona għall-bullettin li joħroġ ta' kull xahar jekk jogħġbok ikteb lil: poldep-cohesion@europarl.europa.eu

Il-manuskritt tlesta f'Marzu 2015.
© Unjoni Ewropea, 2015.

Dan id-dokument huwa disponibbli fuq l-internet fl-indirizz:
http://www.europarl.europa.eu/studies

## DISCLAIMER

L-opinjonijiet espressi f'dan id-dokument huma r-responsabilità tal-awtur biss u mhux neċessarjament jirrappreżentaw il-pożizzjoni uffiċjali tal-Parlament Ewropew.

Ir-riproduzzjoni u t-traduzzjoni għal raġunijiet mhux kummerċjali huma awtorizzati, dment li s-sors jiġi rikonoxxut u l-pubblikatur ikun mgħarraf minn qabel u mibgħut kopja.

# SOMMARJU EŻEKUTTIV

## TENDENZI FIT-TRASPORT TAL-MERKANZIJA BIT-TRIQ JEW BIL-FERROVIJA

Fil-medja, mis-sena 2000 'l hawn, it-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija rreġistra livelli baxxi ta' tkabbir assolut fl-UE kollha. F'termini relattivi, is-sehem tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija naqas askapitu tat-trasport bit-triq. It-tendenza medja tostor id-differenzi sostanzjali li jeżistu bejn l-Istati Membri.

It-tendenzi nazzjonali jiddependu minn numru ta' fatturi, inkluż il-firxa tan-netwerks ferrovjarji, il-proporzjon tat-traffiku internazzjonali mit-traffiku totali u l-livell ta' kompetizzjoni minn mezzi oħrajn (eż. l-ilmijiet navigabbli interni). Is-sehem tal-merkanzija li tinġarr bit-triq u dik li tinġarr bil-ferrovija jvarja bil-kbir, skont it-tip ta' oġġetti ttrasporati. Fil-biċċa l-kbira, il-merkanzija goffa (bħall-faħam) tiġi ttrasportata bil-ferrovija, filwaqt li oġġetti li mhumiex daqshekk tqal u/jew prodotti li jitħassru malajr huma ttrasportati bit-triq.

## IL-FATTURI LI JIKKONTRIBWIXXU GĦALL-GĦAŻLA TAL-MEZZ TAL-ISPEDITURI

Bejn il-każijiet estremi ta' oġġetti li huma kważi dejjem ittrasportati bil-ferrovija u dawk li x'aktarx jiġu ttrasportati bit-triq, jeżisti numru ta' fatturi fil-livell mikro li jinfluwenzaw l-għażla tal-mezz. Id-deċiżjonijiet li jittieħdu mill-ispedituri (li, f'dan il-proċess, huma l-persuni ewlenin li jieħdu d-deċiżjonjiet) huma funzjoni li tikkaratterizza l-esperjenzi preċedenti, it-tip ta' oġġetti li jinġarru, l-attributi tat-trasportaturi u r-rekwiżiti ta' distanza/żmien.

Barra minn hekk, xi fatturi globali u strutturali wkoll jikkontribwixxu għal bidliet fit-tul fis-sehem modali. Dawn jinkludu r-relazzjoni bejn it-tkabbir ekonomiku u t-trasport tal-merkanzija, u l-fatt li, b'mod ġenerali, it-trasport bit-triq jirreaġġixxi aktar għall-bidliet fiċ-ċiklu ekonomiku mit-trasport bil-ferrovija. Il-bidliet fil-proċess ta' produzzjoni industrijali u l-frammentazzjoni tal-loġistika laqtu b'mod negattiv it-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija; min-naħa l-oħra, il-forom ġodda ta' trasport intermodali jirrappreżentaw segment tas-suq b'rata għolja ta' tkabbir għas-settur ferrovjarju.

L-evidenza li tidher fi studji tal-każijiet nazzjonali dwar il-preferenzi tal-ispedituri tindika l-importanza tal-kunsiderazzjonijiet tal-kostijiet f'xi pajjiżi fejn it-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija huwa meqjus bħala għali wisq (Franza, l-Italja). B'mod aktar ġenerali, l-istudji tal-każijiet kollha juru l-ħtieġa għal infrastruttura ferrovjarja ta' kwalità għolja u b'konnessjoni aħjar, b'attenzjoni partikolari lejn ir-restrinġimenti tat-traffiku (il-Ġermanja), il-kapaċità (l-Italja u Franza) u l-affidabilità (Spanja, il-Polonja).

Diversi studji vvalutaw il-bidla potenzjali mit-trasport bit-triq għat-trasport bil-ferrovija jew għas-servizzi intermodali; l-istimi tal-bidla jvarjaw minn 1 sa 14-il punt perċentwali. Il-letteratura tindika wkoll soll ta' 200-300 km li, meta jinqabeż, it-trasport bil-ferrovija huwa partikolarment kompetittiv u l-potenzjal għal bidla modali huwa ogħla. Fit-terminu medju, objettiv globali realistiku għas-sehem tal-merkanzija ttrasportata bil-ferrovija fl-UE tista' tkun madwar 20 % tal-volumi ta' trasport intern, imkejjel f'termini ta' tunnellati-km.

## MIŻURI EŻISTENTI MMIRATI LEJN L-GĦAŻLA TAL-MEZZ

Fil-livell tal-UE ġie introdott numru ta' inizjattivi mmirati lejn il-bidla modali mit-trasport bit-triq għal dak bil-ferrovija. Dawn jinkludu d-Direttiva Eurovignette, li tintroduċi t-tariffa għall-użu tat-triq ibbażata fuq kostijiet esterni, riformi fis-settur ferrovjarju li jiftħu s-swieq tat-

trasport tal-merkanzija bil-ferrovija għall-kompetizzjoni u jtejbu l-interoperabilità u programmi għall-finanzjament tal-investimenti fl-infrastrutturi u l-operazzjonijiet intermodali, bħall-programmi tan-Netwerk trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T) u Marco Polo.

B'mod parallel, l-Istati Membri implimentaw firxa ta' miżuri, inkluż sostenn finanzjarju dirett immirat lejn l-iżvilupp tal-infrastruttura ferrovjarja (pereżmpju, billi japprovaw b'mod aktar effiċjenti s-sagoma ferrovjarja għal treni itqal u jintroduċu mill-ġdid il-binarji sekondarji). Madankollu, meta jitqiesu flimkien, il-miżuri nazzjonali ma kellhomx impatt kbir fuq il-bidla modali. Dan jista' jkun attribwit għall-iskala ġeneralment żgħira tal-investiment fis-settur ferrovjarju u t-trasport intermodali f'dak li għandu x'jaqsam mal-investiment fit-toroq, u għal nuqqas ta' koordinament tal-inizjattivi ta' politika dwar it-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija fil-livell tal-UE u fil-livell nazzjonali. F'għadd ta' pajjiżi ġew introdotti pedaġġi stradali, għalkemm, tipikament, l-impatt fuq it-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija ġie kkontrobilanċjat minn miżuri oħrajn li jiffavorixxu l-użu tat-trasport bit-triq.

L-aktar politiki effikaċi jidhru li huma dawk maħsuba għat-trasport intermodali, jew permezz ta' sussidji maħsuba għall-operaturi intermodali, jew permezz ta' ftehimiet speċifiċi dwar in-nodi intermodali ewlenin, b'attenzjoni partikolari lejn il-portijiet, bħalma jiġri fil-Ġermanja, Spanja u r-Renju Unit.

## STRATEĠIJI BIEX TINBIDEL L-GĦAŻLA TAL-MEZZ TA' TRASPORT TAL-ISPEDITURI

L-analiżi li twettqet għal dan l-istudju tagħti x'tifhem li l-politiki attivi maħsuba biex iħeġġu l-bidla fil-mezz jaf ikollhom impatt fuq l-għażliet tal-ispedituri billi jimmiraw lejn fatturi ewlenin li jaffettwaw il-kompetittività tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija. Dawn il-politiki jħaddnu kemm l-inċentivi regolatorji mmirati kif ukoll il-miżuri ta' investiment għall-infrastruttura.

Min-nuqqas ta' effikaċja tal-politiki preċedenti, kif ukoll mill-prattiki tajbin identifikati mill-istudji tal-każijiet nazzjonali, wieħed jista' jislet tliet konklużjonijiet ewlenin:

- L-ewwel nett, it-titjib fil-koordinament tal-istrateġiji fil-livelli amministrattivi differenti, kif ukoll fil-mezzi ta' trasport, se jkun fundamentali. Il-programmi dwar il-bidla modali jeħtieġu li jevitaw approċċ frammentarju fir-rigward tal-inċentivi monetarji. Jeħtieġ li l-lezzjonijiet li jinsiltu minn kull skema jiġu kondiviżi aħjar fi ħdan l-industrija. L-inizjattiva "Shift2Rail" li jmiss għandha tkun utli f'dan ir-rigward billi tiffoka fuq soluzzjonijiet li jtejbu l-kapaċità, jikkonsolidaw l-affidabilità u jtejbu ċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistemi ferrovjarji Ewropej. Huwa meħtieġ ukoll koordinament tal-politiki ferrovjarji u stradali, peress li kwalunkwe miżura li tolqot il-pożizzjoni kompetittiva ta' mezz wieħed ikollha riperkussjonijiet fuq l-ieħor.
- It-tieni nett, huwa importanti li l-istrateġiji għall-bidla modali jitfasslu apposta għaċ-ċirkostanzi speċifiċi li fihom jiġu implimentati. Pereżempju, ir-rikonoxximent tal-fatt li t-trasport transfruntier użat għal distanzi itwal għandu probabilità akbar li jinbidel minn trasport bit-triq għal trasport bil-ferrovija qed jiġi rifless fl-iżvilupp tal-politiki tal-UE.
- It-tielet nett, l-implimentazzjoni ta' strateġiji effikaċi teħtieġ finanzjament stabbli u suffiċjenti kemm mill-UE kif ukoll mill-Istati Membri. F'dan ir-rigward, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) tgħin billi tipprovdi riżorsi sostanzjali biex tikkofinanzja l-iżvilupp tan-netwerk TEN-T u l-proġett ERTMS. Filwaqt li l-fondi għat-trasport mhumiex delimitati skont il-politika CEF il-ġdida, dan huwa fattur li jaf jinċentiva l-isponsors tal-proġetti biex jikkompetu għall-finanzjament u juru l-valur miżjud reali ta' kull skema ta' investiment.